



2024/1680

12.6.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1680

tat-22 ta' April 2024

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika dwar emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati ma' istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 336, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075⁽¹⁾, fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, u permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076⁽²⁾, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, u daħlet fis-seħħ għall-Unjoni fl-1 ta' Ottubru 2023. Sal-lum, hemm 39 Parti għall-Konvenzjoni, inkluż l-Unjoni u 22 Stat Membru.
- (2) Il-Kumitat tal-Partijiet ("il-Kumitat") huwa korp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-Konvenzjoni. Skont l-Artikolu 67 (3) tal-Konvenzjoni, il-Kumitat adotta ir-regoli ta' proċedura tiegħu stess ("ir-Regoli ta' Proċedura"). Ir-Regoli ta' Proċedura jipprevedu li kull Parti għall-Konvenzjoni jkollha vot wieħed. L-adeżjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni teħtieġ ċerti aġġustamenti għar-Regoli ta' Proċedura sabiex jiġu ddeterminati l-modalitajiet biex l-Unjoni teżerċita d-drittijiet tal-vot tagħha bħala Parti għall-Konvenzjoni.
- (3) F'Awwi 2023, is-Segretarjat tal-Kumitat ippropona ċerti emendi għar-Regoli ta' Proċedura biex jirriflettu l-impatt tal-adeżjoni tal-Unjoni fuq il-funzjonament tal-Kumitat. Huwa talab lill-Partijiet għall-Konvenzjoni u lill-Unjoni biex jissottomettu suġġerimenti ta' abbozzar bil-ħsieb li l-emendi jiġu adottati fl-2024. L-emendi għandhom jiġu diskussi u, jekk possibbli, adottati fis-16-il laqgħa tal-Kumitat fil-31 ta' Mejju 2024.
- (4) Ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat, peress li l-emendi għar-Regoli ta' Proċedura ser ikunu legalment vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) Skont l-abbozz ta' emendi proposti mis-Segretarjat tal-Kumitat, ir-regoli dwar il-kworum għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat kif previst fir-Regoli ta' Proċedura ser jinżammu iżda jiġu s-supplimentati b'xi rekwiżiti ġodda. Jenħtieġ li l-Unjoni tipproponi emendi alternattivi għar-Regoli ta' Proċedura biex tirrifletti aħjar il-kamp ta' applikazzjoni tal-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni u tiproteġi l-interessi tal-Unjoni filwaqt li turi r-rieda tal-Unjoni li takkomoda t-ħassib tal-Partijiet għall-Konvenzjoni li mhumiex Stati Membri tal-Unjoni.
- (6) Fir-rigward tar-regola ġenerali dwar il-votazzjoni fl-Artikolu 20 tar-Regoli ta' Proċedura, is-Segretarjat tal-Kumitat jipproponi li tiġi inkluża klawżola ta' nuqqas ta' addizzjonalità li skontha jkunu jew l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha li jkunu intitolati li jivvutaw dwar kwistjoni partikolari. Il-prinċipju ta' nuqqas ta' addizzjonalità diġà huwa inkorporat f'konvenzjonijiet oħra tal-Kunsill tal-Ewropa li magħhom ssieħbet l-Unjoni u jenħtieġ li jiġi aċċettat ukoll f'dan il-każ. Madankollu, jenħtieġ li l-formulazzjoni tal-klawżola tiġi adattata biex tirrifletti l-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 1).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 4).

- (7) Fir-rigward tar-regola ġenerali dwar il-votazzjoni fil-Artikolu 20 tar-Regoli ta' Proċedura, is-Segretarjat tal-Kumitat jipproponi wkoll li jiġi inkluż rekwiżit ta' maġġoranza doppja, li jfisser li deċiżjoni ma tiġix adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa jekk ma tkunx appoġġata minn maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħa mill-Partijiet għall-Konvenzjoni li mhumiex Stati Membri tal-Unjoni. Tali rekwiżit jikkontrobalanċja l-fatt li l-Unjoni għandha maġġoranza sempliċi fil-Kumitat f'termini ta' voti, u b'hekk jindirizza t-tħassib possibbli mill-Partijiet għall-Konvenzjoni li mhumiex Stati Membri tal-Unjoni dwar il-piż tal-vot tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Unjoni tissuġġerixxi li r-rekwiżit ta' maġġoranza doppja jiġi emendat sabiex jiġi previst li dan japplika biss meta l-Unjoni tipparteċipa f'vot u tkun qed tivvota b'għadd ta' voti daqs jew akbar minn żewġ terzi tal-voti kollha attribwiti lill-membri tal-Kumitat, u sa biex jiġu riflessi l-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri.
- (8) Fir-rigward tar-regoli speċifiċi għall-elezzjoni tal-membri tal-Grupp ta' esperti dwar l-azzjoni kontra l-vjolenza fuq in-Nisa u l-vjolenza domestika ("GREVIO"), jenħtieġ li l-Unjoni ttipproponi emendi ulterjuri minbarra l-emenda proposta li tipprevedi vot wieħed għall-Unjoni flimkien mal-vot individwali ta' kull Stat Membru. B'mod aktar speċifiku, fir-rigward tad-deċiżjonijiet biex jintalab l-irtirar ta' kandidat wieħed jew aktar li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għas-sħubija fil-GREVIO, is-Segretarjat tal-Kumitat jipproponi li jiġi applikat rekwiżit ta' maġġoranza doppja. Filwaqt li tali deċiżjonijiet huma ta' natura eċċezzjonali, jenħtieġ li l-Unjoni ttipproponi li l-maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa, kif meħtieġ għal tali deċiżjonijiet, tinkludi maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħa minn rappreżentanti ta' Partijiet għajr l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biss jekk l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkun qd jivvutaw b'għadd ta' voti daqs jew akbar minn żewġ terzi tal-voti kollha attribwiti lill-membri tal-Kumitat.
- (9) Fir-rigward tal-emendi għar-Regoli ta' Proċedura li għandhom jiġu adottati b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa, b'kull Parti għall-Konvenzjoni jkollha vot wieħed, jenħtieġ li l-Unjoni ttipproponi li ż-żieda ta' rekwiżit ta' maġġoranza doppja kif propost mis-Segretarjat tal-Kumitat tapplika biss jekk l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkun qd jivvutaw b'għadd ta' voti daqs jew akbar minn żewġ terzi tal-voti kollha attribwiti lill-membri tal-Kumitat, suġġett għall-kjarifika li l-prinċipju tan-nonaddizzjonalità ma japplikax għal dik is-sitwazzjoni.
- (10) Fir-rigward tar-Regola ta' Proċedura, ir-referenza għall-Unjoni fil-lista ta' parteċipanti li mhumiex membri tal-Kumitat jenħtieġ li titħassar peress li m'għadhiex valida.
- (11) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tkun ibbażata fuq l-abbozz mehmuż ta' emendi għar-Regoli ta' Proċedura.
- (12) Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat tkun mingħajr preġudizzju għal pożizzjonijiet futuri dwar ir-regoli ta' proċedura fir-rigward ta' konvenzjonijiet oħra tal-Kunsill tal-Ewropa jew ftehimiet tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet ("il-Kumitat"), stabbilit skont l-Artikolu 67 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' emendi għar-Regoli ta' Proċedura mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' April 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

ANNEX

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Partijiet, stabbilit skont l-Artikolu 67 tal-Konvenzjoni, dwar l-emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Partijiet, fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Partijiet fil-31 ta' Mejju 2024.

L-Unjoni Ewropea tfakkar li hija aderixxiet għall-Konvenzjoni ta' Istanbul sabiex tipprevjeni u tiġġieled il-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika. L-Unjoni tikkollabora ġenwinament ma' Stati Membri mhux tal-UE fit-trattati internazzjonali kollha li għalihom taderixxi b'mod sħiħ.

L-Unjoni tixtieq tafferma li fir-rigward tar-rekwiżit ta' maġġoranza doppja, dan ir-rekwiżit japplika biss meta l-Unjoni tkun qed tivvota b'numru ta' voti daqs jew akbar minn żewġ terzi tal-voti kollha attribwiti lill-membri tal-Kumitat (Artikolu 20) jew tilħaq tali numru ta' voti flimkien mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea meta kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri tagħha jkunu intitolati jivvutaw (Artikoli 21 u 25).

L-Unjoni Ewropea tindika li l-pożizzjoni preżenti tagħha dwar l-emendi tar-Regoli ta' Proċedura fil-Kumitat tal-Partijiet hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet futuri dwar ir-Regoli ta' Proċedura fir-rigward ta' Konvenzjonijiet oħra tal-Kunsill tal-Ewropa jew ftehimiet oħra tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

Artikolu 20 – Votazzjoni

Emenda nru 1:

“1. Kull membru tal-Kumitat għandu jkollu vot wieħed. Meta d-delegazzjoni ta' Parti tkun magħmula minn aktar minn rappreżentant wieħed, wieħed minnhom biss ikun intitolat li jieħu sehem fil-votazzjoni.

L-Unjoni Ewropea għandha teżerċita d-dritt tagħha li tivvota b'għadd ta' voti daqs in-numru tal-Istati Membri tagħha li huma Parti għall-Konvenzjoni u li huma marbuta bl-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li mhumiex marbuta bl-eżerċizzju tal-kompetenza min-naħa tal-Unjoni jistgħu jivvutaw separatament.

Meta l-Unjoni tkun intitolata teżerċita d-dritt tagħha li tivvota, l-Istati Membri li huma Parti għall-Konvenzjoni u li huma marbuta bl-eżerċizzju tal-kompetenza min-naħa tal-Unjoni fil-kwistjoni li għandha ssir votazzjoni dwarha, m'għandhomx jivvutaw. Meta l-Istati Membri kollha tagħha li huma Partijiet għall-Konvenzjoni jkunu intitolati jeżerċitaw id-dritt tal-vot tagħhom, l-Unjoni Ewropea ma għandhiex tivvota.”

“2. Il-votazzjoni teħtieġ kworum”.

Emenda nru 2:

“3. Id-deċizzjonijiet tal-Kumitat jittieħdu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa. Meta l-Unjoni Ewropea tipparteċipa f'vot skont il-paragrafu 1, is-subparagrafi 2 u 3, maġġoranza ta' żewġ terzi għandha tinkludi maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħa mill-Partijiet l-oħra jekk in-numru ta' voti li bihom l-Unjoni għandha teżerċita d-dritt tal-vot tagħha jkun daqs jew akbar minn żewġ terzi tal-voti kollha attribwiti lill-membri tal-Kumitat.”

“4. Il-kwistjonijiet proċedurali għandhom jiġu deċiżi b'maġġoranza tal-voti mitfugħa”.

“5. Jekk tinqala' xi mistoqsija dwar jekk kwistjoni hijiex proċedurali jew le, din m'għandhiex tiġi ttrattata bħala proċedurali sakemm il-Kumitat ma jiddeċidix hekk b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa f'konformità mal-paragrafu 3.”

“6. Għall-finijiet ta' dawn ir-Regoli, 'voti mitfugħa' għandha tfisser il-voti tal-membri mitfugħa favur jew kontra. Il-membri li jastjenu għandhom jitqiesu li ma vvutawx”.

Artikolu 21 – Regoli speċifiċi għall-elezzjoni tal-membri tal-GREVIO

“1. L-Artikoli 16, 19 u 20 ta’ dawn ir-regoli ma japplikawx għall-elezzjoni tal-membri tal-GREVIO”.

[...]

Emenda nru 3:

“4. Deċiżjoni tal-Kumitat li jitlob l-irtirar ta’ kandidat wieħed jew aktar li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għas-sħubija fil-GREVIO kif stabbilit fl-Artikoli 2 sa 5 tar-regoli dwar il-proċedura tal-elezzjoni tal-membri tal-GREVIO teħtieġ maġġoranza ta’ żewġ terzi tal-voti mitfugħa, inkluż maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħa minn rappreżentanti ta’ Partijiet għajr l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jekk l-għadd ta’ voti attribwiti lill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ikun daqs jew akbar minn żewġ terzi tal-voti kollha attribwiti lill-Membri tal-Kumitat. Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, ‘voti mitfugħa’ għandha tfisser il-voti tal-membri mitfugħa favur jew kontra. Il-membri li jastjenu għandhom jitqiesu li ma vvutawx”.

[...]

“7. Kull membru tal-Kumitat għandu jkollu vot wieħed. Meta d-delegazzjoni ta’ Parti tkun magħmula minn aktar minn rappreżentant wieħed, wieħed minnhom biss ikun intitolat li jieħu sehem fil-votazzjoni”.

Artikolu 25 – Emendi għar-Regoli ta’ Proċedura

Emenda nru 4:

“Il-Kumitat jista’ jemenda r-Regoli ta’ Proċedura b’maġġoranza ta’ żewġ terzi tal-voti mitfugħa, inkluż maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħa minn rappreżentanti ta’ Partijiet għajr l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jekk l-għadd ta’ voti attribwiti lill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ikun daqs jew akbar minn żewġ terzi tal-voti kollha attribwiti lill-Membri tal-Kumitat. Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, l-Artikolu 20, il-paragrafu 1, is-subparagrafi 2 u 3, ma għandhomx japplikaw.”

Artikolu 2 – Kompożizzjoni

1. Membri

a. Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 67 tal-Konvenzjoni, il-membri tal-Kumitat għandhom ikunu r-rappreżentanti tal-Partijiet għall-Konvenzjoni.

[...]

2. Parteċipanti

[...]

b. Dawn li ġejjin jistgħu jaħtru rappreżentanti biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kumitat mingħajr id-dritt tal-vot jew il-ħlas tal-ispejjeż:

- i) Stati li ffirmaw iżda li għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni;
- ii) Stati li rratifikaw jew issieħbu mal-Konvenzjoni iżda li għalihom għadha ma daħlitx fis-seħħ;
- iii) Stati mistiedna jissieħbu mal-Konvenzjoni.

[...]